MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 83/2004/1

**Francis Enriquez**

**v.**

**Sylvia Enriquez**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) illi permezz tieghu Sylvia Enriquez, wara illi ppremettiet illi fit-12 ta' Marzu, 2004 zewgha Francis

Enriquez talab u ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament numru 443/2004 kontra taghha sabiex hija tivvaka l-fond 17, Triq il-Parata, Santa Venera, ostensibbilment in forza ta’ sentenza moghtija fit-18 ta’ Ottubru 2000 mill-Qorti Civili Prim Awla li biha giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet; illi fid-9 ta’ Gunju, 2003 l-attrici (*recte*: ir-rikorrenti) istitwiet proceduri (Citazzjoni Nru. 571/2003) sabiex jigi likwidat sehemha minn appartament *Charnet Flats*, *Flat* 6, *Block* A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar, li kellu jigi inkluz fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, liema appartament ma giex hekk inkluz minhabba f’qerq mahsub u prattikat mill-konvenut (*recte*: l-intimat) u huh Michael Enriquez ghad-dannu taghha; l-istess talba saret fir-rigward ta’ *speedboat* u *van Astra* u *garage Sunlord*, Triq San Gorg, Ghaxaq, u l-ghodda u l-magni ta’ go fih; l-attrici talbet ukoll li l-konvenut u huh jigu kkundannati jhallsuha *in solidum* bejniethom is-somma hekk likwidata; illi, ghalhekk, jezistu diversi ragunijiet ghala l-Qorti ghandha tordna t-thassir ta’ dak l-att esekuttiv, jigifieri, l-Mandat ta’ zgumbrament numru 443/2004 mahrug fit-12 ta’ Marzu, 2004, *ai termini* ta’ l-Artikolu 283A tal-Kap. 12: (1) illi s-sentenza tat-18 ta’ Ottubru 2000 imsemmija fil-mandat u hemm annessa, mhux veru li ordnat l-izgumbrament tar-rikorrenti, izda ordnat li d-dar matrimonjali 17, Triq il-Parata, Santa Venera, ‘tinbiegh bl-offerti u bl-inkluzjoni ta’ oblaturi estraneji wara li jghaddu sentejn mid-data ta’ din is-sentenza’; (2) illi l-imsemmi mandat, li sar fl-10 ta’ Marzu, 2004, gie pprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, li mhix il-qorti kompetenti, peress illi l-qorti kompetenti illum hija l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja); (3) illi jekk it-talbiet ta’ l-attrici maghmula bic-Citazzjoni Numru 571/2003 jigu milqugha, hija jkollha d-dritt li timpunja s-sentenza tat-18 ta’ Ottubru, 2000 *ai termini* ta’ l-Artikolu 811(j) tal-Kap. 12, in kwantu l-Qorti stess iddikjarat li dak li wassalha biex tordna li d-dar matrimonjali tinbiegh kien il-fatt li ‘*il-Qorti ssibha ferm difficli tasal ghal decizjoni meta f’kazi bhal dawn id-dar matrimonjali tkun tifforma prattikament id-disghin fil-mija ta’ l-assi kollha tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti*’ - osservazzjoni li turi li l-istess Qorti <u>kienet tiddeciedi diversament</u> kieku kienet taf illi l-konvenut kien

akkwista l-appartament numru 6, *Charnet Flats*, *Block* A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar; fil-fatt, dan l-appartament, ghalkemm formalment gie mixtri minn Michael Enriquez (li jigi hu l-konvenut), fil-fatt gie mixtri u akkwistat mill-konvenut qabel ma giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u l-attrici li sehhet b'sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2000; illi jekk ir-rikorrenti, li hija mara marida, tigi zgumbrata mid-dar matrimonjali 17, Triq il-Parata, Santa Venera, qabel l-ezitu tal-proceduri bazati fuq qerq mahsub u pprattikat mill-konvenut ghad-dannu taghha, hija ser issib ruhha bla dar u s-sitwazzjoni taghha tigi ppregudikata irrimedjabbilment; ghalhekk, hija sejra ssofri pregudizzju aktar gravi jekk il-mandat ta' zgumbrament jigi esegwit fir-rigward taghha milli ser isofri zewgha Francis Enriquez jekk il-mandat mahrug fuq talba tieghu jigi mhassar f'dan l-istadju; talbet illi dik il-Qorti joghgobha, a tenur ta' l-Artikolu 283A tal-Kap. 12, tordna li l-imsemmi att esekuttiv, u cioè, l-mandat ta' zgumbrament numru 443/2004, jigi mhassar ghal kollox minhabba r-ragunijiet imsemmija hawn fuq li jitqiesu validi skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Francis Enriques illi permezz taghha ssottometta:

1. Illi preliminarjament ir-rikors prezenta minn Sylvia Enriquez fit-22 ta' Marzu, 2004 huwa irritu u null ghaliex ma giex ipprezentat quddiem l-istess Qorti li quddiem(ha) gie ipprezentat il-mandat ezekuttiv illi l-imsemmi(ja) Sylvia Enriquez qed tintenta li tattakka bir-rikors taghha a tenur ta' l-Artikolu 283A tal-Kap 12;

2. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 t'Ottubru, 2000 fil-kawza ta' separazzjoni personali fl-ismijiet *Sylvia Enriquez -vs- Francis Enriquez* (*vide* Dok. A) il-Qorti kienet ordnat illi Sylvia Enriquez kellha tibqa' tokkupa l-fond matrimonjali fl-indirizz 17, Triq il-Parata, Santa Venera liema fond però kellu jinbiegh bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' oblaturi estraneji wara li jghaddu sentejn mid-data tas-sentenza;

3. Illi dan il-perjodu ta' sentejn skada fid-19 t'Ottubru, 2002 izda minkejja illi r-rispondent kiteb diversi drabi (*vide*

Dok. B u C) lill-imsemmija Sylvia Enriquez sabiex hija tohrog mill-fond in kwistjoni sabiex tkun tista' tinghata ezekuzzjoni ghas-sentenza fejn gie prefiss illi l-imsemmi fond ghandu jinbiegh bl-offerti, hija baqghet inadempjenti, qatt ma tat ebda risposta u dejjem irrifjutat li tippermetti lil terzi interessati sabiex jaraw u jispezzjonaw dan il-fond bl-animu illi l-imsemmi fond ikun jista' jinbiegh kif ordnat mill-Qorti fis-sentenza imsemmija;

4. Illi huwa car u manifest illi s-sentenza moghtija ma tistax tinghata ezekuzzjoni minghajr ma jigi rilaxxjat il-pussess vakant tal-fond in kwistjoni;

5. Illi fil-fatt l-imsemmija sentenza tkompli tghid, wara l-parti fejn gie ordnat il-bejgh bl-offerti tad-dar in kwistjoni wara l-perjodu ta' sentejn mis-sentenza, illi 'f'dan l-intervall [u cioè f'dan il-perjodu ta' sentejn] l-attrici ghandu jkollha l-uzu esklussiv ta' l-istess dar …'. Dan ifisser bl-izjed mod car u manifest illi l-imsemmija sentenza tat l-uzu esklussiv tad-dar in kwistjoni lil Sylvia Enriquez unikament ghal dan il-perjodu ta' sentejn, u mhux izjed, wara liema tali uzu ghandu jispicca sabiex b'hekk din id-dar tkun tista' tinbiegh bl-offerti;

6 Illi bil-kawza Citaz. Nru. 571/2003GV effettivament l-imsemmija Sylvia Enriquez qed tipprova terga' tiftah atti tas-separazzjoni u l-Prim Awla tal-Qorti Civili digà ppronunzjat ruhha verbalment f'dan ir-rigward *seduta stante* fl-ahhar udjenza tant illi sussegwentement Sylvia Enriquez ipprezentat rikors (*vide* Dok. D) biex din il-kawza tintbaghat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

7. Illi Sylvia Enriquez tipotizza illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet tiddeciedi l-kawza ta' separazzjoni diversament kieku kienet taf illli r-rispondent kellu post iehor tieghu u cioè l-fond *Flat* 6, *Charnet Flats*, Triq Ananija, Bugibba. Dan l-argument huwa infondat u insostenibbli kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt. Fid-dritt ghaliex zgur illi ma jistax isir argument ipotetiku bhal dak avvanzat minn Sylvia Enriquez u fil-fatt ghaliex fir-realtà l-fond in kwistjoni mhuwiex proprjetà tar-rispondent kif allegat izda ta' huh Michael Enriquez kif l-istess Michael

Enriquez digà kellu l-okkazjoni li jikkonferma bil-gurament (*vide* Dok. E). Fil-fatt r-rispondent jikri dan il-fond minghand huh Michael Enriquez bil-kera ta' Lm70 fix-xahar;

8. Illi dwar l-allegazzjoni li Sylvia Enriquez hija mara marida dan mhu minnu xejn u mhu xejn ghajr attentat fjakk biex tinkiseb simpatija li zgur li mhux misthoqqa;

9. Illi dwar l-argument li l-mandat ta' zgumbrament kellu jigi pprezentat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u mhux quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, dan l-argument huwa bla bazi ghaliex tali mandat gie mahrug in segwitu ghal u bis-sahha ta' sentenza tal-Qorti u ghalhekk kellu necessarjament isir quddiem il-Qorti li effettivament ippronunzjat tali sentenza, u cioè il-Prim Awla tal-Qorti Civili;

10. Illi fir-realtà huwa r-rispondent illi qed isofri *hardship* kbir minhabba fir-rifjut da parti ta' Sylvia Enriquez li tottempera ruhha mas-sentenza fuq imsemmija u b'disprezz lampanti lejn l-Awtorità tal-Qorti qed tirrifjuta li tottempera ruhha mal-ordni tal-Qorti liema ordni ghadda in gudikat. F'dan ir-rigward jigi rilevat illi la gie intavolat appell minn tali sentenza u lanqas ritrattazzjoni;

11. Illi f'kull kaz ir-rispondent jaghmel riferenza ghas-subinciz (4) ta' l-Artikolu 283A tal-Kap. 12 u senjatament il-fakultà tal-Qorti illi timponi dawk l-ordnijiet illi jidrilha xierqa li taghmel;

Rat il-lista tax-xhieda relattiva;

Rat id-decizjoni moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-tletin (30) ta' Gunju, 2004 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
**"… filwaqt li tilqa' r-risposta ta' l-intimat, Francis Enriquez, datata 29 ta' Marzu 2004, biss in kwantu l-istess hija kompatibbli ma' dak hawn deciz, tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghha, datat 22 ta' Marzu 2004, *stante* li hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti, Sylvia Enriquez",**

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

**"Illi dan huwa rikors li sar abbazi ta' l-Artikolu 283A tal-Kap 12 fejn huwa moghti d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat esekuttiv sabiex jaghmel rikors fejn jintalab li l-istess mandat jithassar ghal kollox jew parti minnu, naturalment ghar-raguni valida fil-ligi.**

**"Illi fil-fatt kien inhareg mandat ta' zgumbrament Numru 443/2004 fl-ismijiet *Francis Enriquez vs Sylvia Enriquez* datat 10 ta' Marzu 2004 sabiex l-istess rikorrenti tigi zgumbrata mill-fond 17, Triq il-Parata, Santa Venera, in forza ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale fl-ismijiet *Sylvia Enriquez proprio et nomine vs Francis Enriquez* datata 18 ta' Ottubru 2000, fejn ghal dak li jirrigwarda din il-kawza gie deciz li:-**

***'Tilqa' t-Tielet Domanda billi tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida l-istess komunjoni billi tiddikjaraha li tikkonsisti fid-dar matrimonjali li ggib in-numru sbatax (17) fi Triq il-Parata f'Santa Venera u l-ghamara u l-oggetti li jinsabu fiha, l-ammonti ta' flus li jinsabu fil-banek u l-oggetti kollha li jinsabu fil-pussess tal-kontendenti, u tiddividiha billi tassenja lill-attrici dak kollu li jinsab fid-dar matrimonjali hlief ghal-ilbies u l-oggetti personali tal-konvenut li qed jigu lilu assenjati; dwar id-dar matrimonjali tordna li dina tinbiegh bl-offerti u bl-inkluzzjoni ta' obblaturi estranei wara li jghaddu sentejn mid-data ta' din is-sentenza, u f'dan l-intervall l-attrici ghandu jkollha l-uzu esklussiv ta' l-istess dar u l-konvenut ghandu jhalli d-dar ghal kollox fi zmien tletin (30) gurnata millum; mir-rikavat ta' l-istess bejgh tal-fond matrimonjali l-attrici ghandha tircievi s-somma ta' tlett***

***elef lira Maltin (Lm3,000) u l-bilanc ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; il-partijiet ghandhom izommu ghalihom dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess taghhom u dan kollu per saldu ta' kull pretensjoni li huma jistghu jkollhom kontra xulxin jew kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti*'.**

**"Illi l-mara rikorrenti odjerna, tghid li l-istess sentenza ma taghtix id-dritt lill-intimat sabiex abbazi ta' l-istess decizjoni jinhareg mandat ta' zgumbrament, u dan peress li hija ssostni li fl-istess sentenza ma kien hemm ebda ordni ta' zgumbrament ta' l-attrici f'dik il-kawza mill-istess fond, izda biss ordni li tali dar jew fond jinbiegh bl-offerti, u ghall-perjodu ta' sentejn l-istess Qorti tat lill-istess rikorrenti uzu esklussiv ta' l-istess dar, u lill-intimat odjern ordnatlu li jizgombra mill-istess dar fit-terminu hemm indikat. B'hekk l-istess rikorrenti qed issostni li l-intimat ikollu jaghmel kawza *ad hoc* sabiex jottjeni l-izgumbrament ta' l-istess rikorrenti mill-istess dar. Tghid ukoll li l-istess decizjoni ma taghtix id-dritt lill-istess intimat li jressaq id-dar ghall-bejgh bil-pussess vakanti.**

**"Illi din il-Qorti thoss li tali interpretazjoni tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale, hija skorretta u dan abbazi tal-principju sancit fil-gurisprudenza nostrali li s-sentenzi tal-Qrati taghna ghandhom dejjem jittiehdu u allura jigu interpretati bhala li jaghtu soluzjoni effettiva ghas-soluzzjoni tat-talbiet li jkollhom quddiemhom, b'dan li konsegwentement ghandhom jigu dejjem enforzati u rezi ezegwibbli bhala fatt, altrimenti dan ikun ifisser li s-sentenzi tal-Qorti jigu eluzi u wkoll li dan fih innifsu jaghti lok ghal sensiela interminabbli ta' kawzi u proceduri bejn il-partijiet, li certament m'huwiex l-iskop tal-procedura kollha li tirregola l-kaz quddiem il-Qrati.**

**"Illi hekk fis-sentenza *Moses John Vella vs Giulietta mart Edward Costigan* (P.A. l-1 ta' Marzu 1963) inghad li '*s-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat ghandha tigi***

***interpretata b'mod li taghti sustanza konkreta lill-obbligazzjonijiet fiha rakkjuzi*'. Dan ifisser li ghandha tinghata applikazzjoni u nterpretazjoni logika tas-sentenza in partikolari u wkoll dan dejjem ghandu jsir fl-ispirtu u l-iskop evidenti tad-decizjoni in partikolari li tkun qed tiddispensa fid-*decide* taghha mit-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-partijiet fil-kawza.**

**"Illi fuq dan ma jidhirx li ghandu jkun hemm kontestazzjoni u applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta b'mod mill-aktar preciz fl-istess sentenza li ghal dak li jirrigwarda din il-procedura, l-istess Qorti kienet qed tiddisponi mit-tielet talba tar-rikorrenti odjerna, dak iz-zmien l-attrici, sabiex tasal ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, l-likwidazzjoni ta' l-istess, u fl-ahharnett id-divizjoni ta' l-istess. L-istess Qorti qabel ma ddecidiet fuq l-istess domanda ghamlet osservazzjonijiet precizi li ma kienet qed temmen l-ebda parti fil-kawza quddiemha dwar il-possibilitajiet finanjarji u fizici taghhom, u waslet biex qalet li abbazi ta' dak li kellha quddiemha u l-osservazzjonijiet taghha dwar l-istess '*l-ahjar soluzzjoni hi li l-fond jinbiegh; fih in realtà jghixu l-attrici u bintha ta' 18 il-sena oltre l-konvenut li però ma jiddejjaqx jorqod x'imkien iehor; ghalhekk ikun ekwu li jkun hemm perjodu ragjonevoli qabel ma dawn ikollhom isibu sistemazzjoni alternattiva*'.**

**"Illi ovvjament, huwa fid-dawl ta' dan, li din il-pendenza ghandha tigi rizolta u fil-fatt abbazi ta' dan kollu u konformi mal-intenzjoni dikjarata ta' l-istess Qorti, li b'hekk tiddisponi mit-tielet domanda attrici quddiemha, hija ordnat li l-istess fond matrimonjali, li kien jifforma l-parti principali tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, jigi mibjugh bl-offerti b'dan li tat zmien lill-intimat, konvenut f'dik il-kawza sabiex fi zmien tletin (30) gurnata johrog mid-dar in kwistjoni, u minkejja li ma saritx talba ghaliha fic-citazzjoni attrici abbazi ta' l-Artikolu 55A tal-Kap 16, tat lill-attrici d-dritt li tghix esklussivament fl-istess dar ghall-perjodu biss ta' sentejn mid-data ta' l-istess decizjoni, b'dan li tali**

**bejgh ta' l-imsemmi fond kellu jsir '*wara li jghaddu sentejn mid-data ta' din is-sentenza*' hawn citata.**

**"Illi mehud mad-dikjarazzjoni ta' l-istess Qorti, li dan kollu huwa bbazat fuq il-konkluzjoni dikjarata taghha, li tali fond kellu jinbiegh u l-iskop li ma ordnatx il-bejgh bl-offerti immedjatament, izda biss wara sentejn mid-data ta' l-istess sentenza, juri bl-aktar mod car li tali termini moghtija lil kull parti, tletin (30) gurnata lill-konvenut u sentejn lill-attrici, u r-rikorrenti odjerna, kien biss sabiex kull parti jkollha dak li l-Qorti sejhet bhala '*perjodu ragjonevoli qabel ma jkollhom isibu sistemazzjoni alternattiva*'.**

**"Illi dan ifisser li huwa car mill-istess sentenza li d-dritt esklussiv ta' l-attrici li tghix fl-istess dar, kien biss ghal sentejn mid-data ta' l-istess sentenza, f'liema perjodu l-attrici kellha ssib post alternattiv ghaliha, sabiex id-dar wara tali sentejn tkun tista' tinbiegh bl-offerti anke u bl-obblaturi estranei fl-interess taz-zewg partijiet li jgibu l-ahjar prezz ghall-istess immobbli. Dan ifisser li *in verità* wara tali sentejn, l-istess attrici kellha tohrog mill-istess dar, u b'hekk tizgombra ruhha mill-istess dar sabiex l-ordni tal-Qorti fis-sentenza, tkun tista' tinghata ezekuzzjoni, u *in verità* dan ifisser li l-iskop manifest tas-sentenza kien ukoll li l-istess attrici, wara t-terminu tas-sentejn imsemmija, tohrog u tizgombra mill-istess fond. Fil-fatt kull interpretazzjoni ohra tmur mhux biss kontra l-kliem car ta' l-istess *decide*, izda kontra ntenzjoni dikjarata ta' l-istess Qorti u l-ispirtu tas-soluzzjoni, li l-istess Qorti waslet ghaliha sabiex tirrizolvi b'mod definittiv il-kwistjoni tal-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet quddiemha.**

**"Illi li llum jinghad li hemm bzonn li ssir kawza ohra sabiex l-istess sentenza tigi esegwita tkun *in verità* negazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' l-istess sentenza u decizjoni bejn il-partijiet, u dan imur kontra kull principju guridiku ta' finalità tad-decizjonijiet li jghaddu in gudikat bejn il-partijiet skond l-ordni guridiku Malti, liema sentenzi huma ligi u ezegwibbli**

**bejn il-partijiet, u kull konkluzjoni ohra tkisser il-fibra ta' titolu ezekuttiv li l-istess decizjonijiet jipprovdu abbazi ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**"Illi ghalhekk dak kollu li nghad mir-rikorrenti fuq dan il-punt, kemm fir-rikors taghha u kemm minn nota ta' l-osservazzjonijiet taghha huwa manifest[ament] inkorrett, inkluz fejn hija tghid li tali fond ma kellux jinbiegh '*bil-vacant possession*'. Infatti huwa car mill-istess decizjoni li l-intenzjoni tal-Qorti, kif minnha dikjarata b'mod esplicitu, kienet li l-ewwel taghti zmien lil kull parti sabiex taghmel l-arrangamenti taghha sabiex issib post alternattiv, u wara tigi fis-sehh l-ordni taghha sabiex l-istess fond jinbiegh bl-offerti anke ta' terzi, sabiex ir-rikavat ta' l-istess bejgh jinqasam bil-mod indikat bi preciz ukoll fl-istess sentenza. Certament li minn dan kollu jidher car li l-attrici u r-rikorrenti f'din il-kawza ma tista' tvanta ebda dritt li tibqa' tokkupa l-istess dar wara t-terminu ta' sentejn lilha moghti, u kull pretensjoni ta' l-istess mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri, hija fl-opinjoni ta' din il-Qorti mhux biss mhux sorretta mill-istess sentenza definittiva tal-Qorti, izda wkoll vessatorja. Tali pretensjoni gratuita tmur kontra l-principju li l-istess decizjonijiet ghandhom jigu esegwiti u mhux biss interpretati *in bona fede*.**

**"Illi dwar il-punti l-ohra mressqa mir-rikorrenti u cjoè b'riferenza ghac-citazzjoni minnha nressqa fejn qed tghid u tallega li kien hemm immobbli ohra li hija ma kenitx taf bihom u li allura l-konvenut qarraq biha u bil-Qorti fis-sentenza hawn citat[a], *in verità* ma ghandu x'jaqsam xejn mal-pendenza odjerna, li hija wahda limitata abbazi ta' l-Artikolu 283A tal-Kap 12.**

**"Illi dwar is-sottomissjoni l-ohra li jista' jkun li wara li abbazi ta' dak li qed tallega l-attrici fic-citazzjoni numru 571/2003, hija jkollha bazi ghal-kawza ta' ritrattazzjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 811(j), dan ma ghandu x'jaqsam xejn legalment u guridikament mal-pendenza odjerna, u r-rimedji li jistghu jittiehdu f'dak il-kaz, m'humiex dawk ta' din il-**

**procedura odjerna, izda *se mai* bil-proceduri idonei fil-kapitolu tal-ligi li jittratta dwar ritrattazzjoni inkluz is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Din *invece* hija procedura *ad hoc* fl-atti tal-mandat esekuttiv stess u t-termini taghha huma regolati abbazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 283A tal-Kap 12, li r-rikorrenti espressament invokat ghall-prezentata tar-rikors taghha odjern.**

**"Illi dwar il-punt li l-istess mandat ezekuttiv kellu jigi prezentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) jinghad li s-sentenza inghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u *ai termini* ta' l-Artikolu 264 tal-Kap 12, '*l-esekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-Qorti li minnha jigu moghtija*' u ghalhekk il-mandat indikat gie ovvjament prezentat korrettament.**

**"Illi fid-dawl ta' dan kollu r-rikors tar-rikorrenti ghandu jigi michud."**

Rat ir-rikors ta' appell tar-rikorrenti illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbet hekk:
"… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla l-imsemmi digriet [tat-30 ta' Gunju, 2004] u tghaddi biex tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra zewgha Francis Enriquez";

Rat illi l-intimat, debitament notifikat bir-rikors ta' appell, naqas illi jipprezenta risposta bil-miktub ghall-istess rikors;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2005;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-aggravju principali tar-rikorrenti appellanti kontra d-decizjoni appellata huwa - fi kliem ir-rikors ta' appell - is-segwenti:
"… d-decizjoni appellata hija bir-rispett kollu zbaljata legalment …

"…

"Illi permezz tal-proceduri odjerni l-esponenti qieghda tikkontesta l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament mahrug kontra taghha ostensibilment a bazi ta' sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2000 fil-kawza ta' separazzjoni bejn il-kontendenti li ddisponiet li d-dar kellha tinbiegh bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' oblaturi estraneji wara li jghaddu sentejn mid-data tas-sentenza.

"Illi s-sentenza citata ma tistax twassal ghall-hrug ta' mandat ezekuttiv ta' zgumbrament kontra l-esponenti Sylvia Enriquez.

"Illi l-imsemmija sentenza mhux veru li ordnat l-izgumbrament ta' l-esponenti, izda ordnat semplicement li d-dar tinbiegh bil-modalitajiet hemm imsemmija" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Sabiex jigi kunsidrat dan l-aggravju tar-rikorrenti appellanti huwa utili illi tigi hawn riprodotta l-parti rilevanti mid-dispositiv ta' l-imsemmija sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2000 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet ***Sylvia Enriquez pro et noe v. Francis Enriquez*** illi kopja taghha tinsab a fol. 8 sa 19 tal-process (is-silta hawn citata hija minn fol. 18):
**"… dwar id-dar matrimonjali tordna li dina tinbiegh bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranei wara li jghaddu sentejn mid-data ta' din is-sentenza, u f'dan l-intervall l-attrici ghandu jkollha l-uzu esklussiv ta' l-istess dar u l-konvenut ghandu jhalli d-dar ghal kollox fi zmien tletin (30) gurnata millum; …";**

Fid-decizjoni appellata l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi din is-silta appena citata tammonta ghal kundanna lill-attrici - l-appellanti odjerna - sabiex, wara illi jghaddu s-sentejn imsemmija fl-istess silta, tizgombra mill-fond matrimonjali. Hija waslet ghal din il-konkluzjoni wara illi, fost affarijiet ohra, ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet (fol. 65 u 67):
**"Illi … fis-sentenza *Moses John Vella vs Giulietta mart Edward Costigan* (P.A. l-1 ta' Marzu 1963) inghad li '*s-***

***sentenza li tkun ghaddiet in gudikat ghandha tigi interpretata b'mod li taghti sustanza konkreta lill-obbligazzjonijiet fiha rakkjuzi*'. Dan ifisser li ghandha dejjem tinghata applikazzjoni u nterpretazzjoni logika tas-sentenza in partikolari u wkoll dan dejjem ghandu jsir fl-ispirtu u l-iskop evidenti tad-decizjoni in partikolari li tkun qed tiddispensa fid-*decide* taghha mit-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-partijiet fil-kawza.**

**"…**

**"Illi … huwa car mill-istess sentenza li d-dritt esklussiv ta' l-attrici li tghix fl-istess dar, kien biss ghal sentejn mid-data ta' l-istess sentenza, f'liema perjodu l-attrici kellha ssib post alternattiv ghaliha, sabiex id-dar wara tali sentejn tkun tista' tinbiegh bl-offerti … u bl-obblaturi estranei fl-interess taz-zewg partijiet li jgibu l-ahjar prezz ghall-istess immobbli. Dan ifisser li *in verità* wara tali sentejn, l-istess attrici kellha tohrog mill-istess dar, u b'hekk tizgombra ruhha mill-istess dar sabiex l-ordni tal-Qorti fis-sentenza, tkun tista' tinghata ezekuzzjoni, u *in verità* dan ifisser li l-iskop manifest tas-sentenza kien ukoll li l-istess attrici, wara t-terminu tas-sentejn imsemmija, tohrog u tizgombra mill-istess fond. Fil-fatt kull interpretazzjoni ohra tmur mhux biss kontra l-kliem car ta' l-istess *decide*, izda kontra ntenzjoni dikjarata ta' l-istess Qorti u l-ispirtu tas-soluzzjoni, li l-istess Qorti waslet ghaliha sabiex tirrizolvi b'mod definittiv il-kwistjoni tal-likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet quddiemha" (sottolinear ta' dina l-Qorti);**

Dina l-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti u dana ghal raguni semplici hafna. Infatti, fil-fehma ta' dina l-Qorti, mhux mehtieg illi l-appellanti tizgombra mill-fond in kwistjoni sabiex tkun tista' tinghata esekuzzjoni ghall-ordni kontenut fl-imsemmija sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000 illi d-dar matrimonjali tinbiegh b'licitazzjoni wara li jghaddu sentejn mid-data ta' l-istess sentenza. Wara t-18 ta' Ottubru 2002 kull parti fil-kawza kellha d-dritt illi permezz tal-procedura opportuna tghaddi

ghall-licitazzjoni ta' l-imsemmi fond, in esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza, u dan minghajr il-htiega illi l-appellanti tkun zgumbrata mill-istess fond. Tajjeb illi jinghad, f'dan ir-rigward, illi wara t-18 ta' Ottubru, 2002 l-appellanti, bhala ko-proprjetarja ta' dan il-fond, kellha - u sal-lum jidher illi ghad ghandha - il-jedd illi tokkupah (Artikolu 491, Kap. 16);

Dina l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni avanzata mir-rikorrenti appellanti fir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri illi l-mandat ta' zgumbrament numru 443/2004 ghandu jigi mhassar ghal kollox ghaliex, fi kliem l-istess rikors (fol. 1):
"… s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000 imsemmija fil-mandat … mhux veru li ordnat l-izgumbrament ta' l-esponenti …";

Ghalhekk, l-aggravju in ezami ta' l-appellanti huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, dan premess, hemm lok ghar-revoka tad-decizjoni appellata u ghall-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti ghat-thassir ta' l-imsemmi mandat ta' zgumbrament, u dana minghajr il-htiega illi jigu konsidrati l-aggravji l-ohra ta' l-appellanti;

Illi, a skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija sejra tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghat-thassir ta' l-imsemmi mandat ta' zgumbrament a bazi <u>biss</u> tar-raguni illi s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000 ma ordnatx l-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond relattiv <u>minghajr ma tippronunzja ruhha</u> - ghaliex mhux mehtieg - dwar ir-ragunijiet l-ohra avanzati mir-rikorrenti fir-rikors promotur ghat-thassir ta' l-istess mandat;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell tar-rikorrenti appellanti billi tirrevoka d-decizjoni appellata u billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens illi tordna illi jithassar ghal kollox il-

mandat ta' zgumbrament numru 443/04 fl-ismijiet *Francis Enriquez v. Sylvia Enriquez* mahrug mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-tnax (12) ta' Marzu, 2004;

Tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, kemm ta' l-ewwel istanza u kemm ta' din l-istanza, jigu sopportati kollha mill-intimat appellat;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------